MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 152/2004

HSBC Bank Malta p.l.c.

vs

Grezzju Mifsud; Josephine Mifsud; Anthony u Theresa Scicluna bhala garanti, solidalment mal-konvenuti Mifsud

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004.

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-bank attur talab l-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma ta' elf, tlett mija u tnejn u tmenin liri maltin u erbghin centezmu (LM1382.40), ammont li jinkludi Lm59.08 imghax legali sas-7 ta' Ottubru, 2003 dovuti fuq mutwu loan account number 042095174300, kif ukoll is-somma ta' Lm3393.94 li jinkludi l-ammont ta' Lm123.48, imghax legali sas-7 ta' Ottubru, 2003 dovuti fuq Rescheduled Overdraft Numru 042095174340, b'kollox l-ammont ta' (Lm4776.34,0) erbat

elef seba' mija u sitta u sebghin liri maltin u erbgha u tletin centezmu;

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji ta' sekwestru u Inibizzjoni, ippresentati kontestwalment bl-imghax ta' 8% fis-sena mis-7 ta' Ottubru, 2003 sal-pagament effettiv u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni

Rat li l-konvenuti debitament notifikati ma deherxux biex jikkontestaw t-talbiet attrici u lanqas ma deheru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domanda in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-atti tal-kawza ssib illi t-talbiet attrici jirrizultaw gustifikati u jimmeritaw konferma.

Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu s-somma mitluba ta' (Lm4776.34,0) erbat elef seba' mija u sitta u sebghin liri maltin u erbgha u tletin centezmu dovuta kif fuq imsemmi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut kif mitluba mis-socjeta' attrici b'dan illi l-imghaxijiet jiddekorru fuq is-sorte u mhux fuq l-imghaxijiet gia kanonizzati permezz ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------